MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 3/2002/1

**Rikors Nru: 3/02**

**Pace Josephine**

**vs**

**Mifsud Anthony**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Hija tikri lill-intimat il-fond terran fil-Hamrun, Triq Santu Wistin, Numru 4, bil-kera ta' hdax-il lira fis-sena li jithallas kull sitt (6) xhur u l-iskadenza li jmiss taghlaq fit-30 ta' Gunju, 2001.

Dan il-kera huwa baxx wisq u inqas mill-kera xieraq tal-fond.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dan il-Bord joghbgu jiffissa kera awmentat ta' l-imsemmi fond.

Bl-ispejjez.

Ra d-digriet tieghu tas-29 ta' Jannar, 2002 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Frederick Valentino u l-AIC John Sciberras.

Ra r-rapport ta' l-imsemmija periti fejn il-kera tal-fond gie iffissat fl-ammont ta' Lm17.50 fis-sena.

Jiffissa l-kera tal-fond Numru 4, Triq Santu Wistin, il-Hamrun fl-ammont ta' Lm17.50 fis-sena pagabbli kull sena bil-quddiem mill-iskadenza tat-30 ta' Gunju, 2002 (ir-rikors gie prezentat fit-8 ta' Jannar, 2002) bil-kundizzjoni li x-xoghol ta' manutensjoni ordinarja jkun a karigu ta' l-inkwilin fil-waqt illi xoghol iehor ikun a karigu tas-sid; spejjez bin-nofs bejn il-partijiet. Ir-relazzjoni tal-periti taghmel parti shih minn din is-sentenza.

Dep./Reg
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------